**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, l-4, ta' Marzu, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 777/2021**

***ALFRED SCHWAB, HEKK KIF RAPPREŻENTAT LOKALMENT GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTI PROĊEDURI MILL-MANDATARJU SPEĊJALI TIEGĦU L-AVUKAT DOTTOR MARK ANTHONY MUSCAT, LIEMA MANDAT HUWA LIMITATAMENT GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTI PROĊEDURI***

***VS.***

***MR GREEN LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-kumpannija konvenuta Mr Green Limited. Dan kif ġie maqbul bejn il-partijiet waqt l-aħħar smigħ tal-5 ta' Novembru, 2021 (ara paġni 55 u 56 tal-atti);

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**<u>5 ta' Awwissu, 2021</u>**, l-avukat Mark Anthony Muscat (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala l-attur *nomine*) fisser li b'żewġ sentenzi mogħtija fl-Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 u fit-18 ta' Frar, 2021, il-mandanti

tiegħu Alfred Schwab ġie ddikjarat bħala kreditur tal-kumpannija konvenuta fis-somma ta' €135,100 u dan minbarra l-imgħaxijiet bl-4% mit-13 ta' Awwissu, 2020 sad-data sakemm isir il-ħlas;

3. L-attur *nomine* jgħid li dwar dawn iż-żewġ sentenzi nħarġu żewġ ċertifikati mill-awtoritajiet Awstrijaċi skont ir-**Regolament (UE) 1215/2012**. Iżid jgħid ukoll li permezz ta' ċedola bin-numru 1231/2021, il-kumpannija konvenuta ddepożitat mar-reġistru tal-qorti s-somma ta' €148,596.14;

4. Issa billi l-attur *nomine* jrid jiġbed dawn il-flejjes biex jagħmlu tajjeb għas-sentenzi mogħtija fl-Awstrija, huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«Tiddikjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna u tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg (Landesgericht Salzburg), Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet premessi (Dokument A) hekk kif debitament konfermata mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz bħala Qorti tal-Appell (Dokument B) sabiex l-attur tramite l-attur nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammonti kanonnizati fl-istess sentenzi hekk kif ċertifikati bħala eżegwibbli a tenur taż-żewġ ċertifikati hawn anness (Dokument C u D), bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut mit-13 ta' Awwissu 2020 sal-jum tal-ħlas effettiv.»*

5. Il-kumpannija konvenuta Mr Green Limited ressqet risposta maħlufa fl-**<u>14 ta' Settembru, 2021</u>**, u fiha ressqet għadd ta' eċċezzjonijiet. Fost dawn l-eċċezzjonijiet hemm tliet eċċezzjonijiet preliminari, li sejrin jiġu deċiżi f'din is-sentenza. Dawn it-tliet eċċezzjonijiet, li jinsabu fl-ewwel tliet paragrafi tar-risposta maħlufa, jaqraw hekk:

> *«1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, r-rikors ġuramentat odjern huwa null u irritu ai termini tal-**Artikolu 789** u l-**Artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan għaliex l-istess rikors ġuramentat tal-mandatarju speċjali nomine ma jispeċifika fl-ebda stadju, taħt liema dispoizzjoni tar-**Regolamenti UE nru 1215/2012** tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi*

*kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (minn issa “***Brussels I Recast***”) ċitat mir-rikorrenti noe stess f’paragrafu 1 tar-rikors promotur, qiegħed ifassal t-talbiet tiegħu, b’dana kollu jipprevjeni l-konvenuta milli tiddefendi ruħha, kif inhu dritt tagħha, għat-talbiet kif esposti;*

*2. Illi fit-tieni lok, wkoll in linea preliminari u magħdud mas-suespost, it-talbiet odjerni kif esposti u mfasslin ai termini tal-Brussels I Recast huma irriti u nulli ai termini tal-istess Brussels I Recast u dan għaliex l-istess Brussels I Recast ma jagħtix lil parti li tkun trid tenforza sentenza estera d-dritt illi tagħmel rikors għad-dikjarazzjoni ta’ rikonoxximent u infurzar bħal dak odjern. Illi kif ser jiġi spjegat f’izjed dettall fil-mori tal-kawza, dan id-dritt kien preżenti biss taħt ir-Regolment 44/2001 (ossia “Brussels I Regulation”), liema Brussels I Regulation m’għadux japplika illum il-ġurnata wara illi daħal fis-seħħ il-Brussels I Recast Regulation fl-2015. Jiġi senjalat illi l-Brussels I Recast jagħti biss id-dritt illi l-parti interessata ‘tapplika għal deċizjoni li m’hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta’ rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45” ai termini tal-Artikolu 36 (2) tal-Brussels I Recast u xejn oltre dan;*

*3. Ili fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talba rikorrenti sabiex jiġu ddikajarati “eżegwibbli” s-sentenzi mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi, ma tistax tintlaqa’ qabel l-istess sentenzi Awstrijaċi jiġu wkoll “rikonoxxuti” ai termini tal-istess Brussels I Recast, u għaldaqstant, dato ma non concesso u fil-każ illi l-Onorbbli Qorti jogħġobha tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrent nomine kif imfassla, it-talba waħidha sabiex is-sentenzi jiġu dikjarati ‘eżegwibbli’ ukoll ma tistax tintlaqa’ għal din ir-raġuni.»*

6. B’reazzjoni għal dawn l-eċċezzjonijiet, l-attur *nomine* ressaq rikors bit-timbru tat-18 ta’ Novembru, 2021 (ara paġni 57 u 58 tal-atti), fejn bl-applikazzjoni tal-**artikolu 175 tal-Kap tal-Liġijiet ta’ Malta** huwa talab għall-korrezzjoni fit-talba tar-rikors maħluf. Fl-ispeċifiku huwa talab biex din it-talba tiġi tibda b’dawn il-kliem li ġejjin:

*«A tenur tal-Artikolu 36 et seq tal-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Recast), tiddikjara li m’hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta’ rikonoxximent tal-preċitati sentenzi u b’hekk tirrikonoxxi u»*

7. Bi tweġiba magħmula fl-20 ta' Ottubru, 2021 (ara paġni 51 sa 54 tal-atti)[1], Mr. Green Limited oġġezzjonat għal din it-talba għaliex tenniet li jekk tintlaqa' din il-korrezzjoni, tkun qiegħda tinbidel kemm is-sustanza tal-azzjoni u kif ukoll l-eċċezzjonijiet tagħha fuq il-mertu;

8. Waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2021, intlaħaq qbil mal-partijiet li l-qorti għandha tagħti digriet kemm dwar it-talba għall-korrezzjoni u kif ukoll sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Mr Green Limited;

9. Il-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet, liema sottomissjonijiet jinsabu f'paġni 65 sa 82 tal-atti;

10. B'digriet mogħti llum stess fl-4 ta' Marzu, 2022, din il-qorti laqgħet it-talba għall-korrezzjoni, kif mitluba mill-attur *nomine* u b'hekk it-talba finali tar-rikors ġuramentat ġiet taqra hekk:

> *«A tenur tal-Artikolu 36 et seq tal-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Recast), tiddikjara li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent tal-preċitati sentenzi u b'hekk tirrikonoxxi u Tiddikjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna u tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg (Landesgericht Salzburg), Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet premessi (Dokument A) hekk kif debitament konfermata mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz bħala Qorti tal-Appell (Dokument B) sabiex l-attur tramite l-attur nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammonti kanonnizati fl-istess sentenzi hekk kif ċertifikati bħala eżegwibbli a tenur taż-żewġ ċertifikati hawn anness (Dokument C u D), bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut mit-13 ta' Awwissu 2020 sal-jum tal-ħlas effettiv.»*

[1] Mr. Green Limited kienet irċeviet kopja tar-rikors għall-korrezzjoni u saħanistra ressqet risposta għalih fl-atti tal-kawża, qabel mal-attur *nomine* kien formalment ippreżenta dan ir-rikors fl-atti tal-kawża (ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2021 f'paġni 55 u 56 tal-atti).

***Fatti***

11. B’sentenza mogħtija fit-18 ta’ Novembru, 2020 mill-Qorti Reġjonali ta’ Saliżburgu fl-Awstrija, Mr Green Limited ġiet ikkundannata tħallas lil Alfred Schwab is-somma ta’ €135,100, magħdud magħhom l-imgħax b’effett mit-13 ta’ Awwissu, 2020 u l-ispejjeż tal-kawża (ara paġni 6 sa 15 tal-atti);

12. Mr Green Limited appellat quddiem l-Oberlandesgericht Linz (il-Qorti Reġjonali Suprema ta’ Linz), iżda b’sentenza mogħtija fit-18 ta’ Frar, 2021 dan l-appell ġie miċħud (ara paġni 16 sa 24 tal-atti) u l-ħlas tas-somma ta’ €135,100 ġie kkonfermat;

13. Fit-13 ta’ Lulju, 2021, l-awtoritajiet Awstrijaċi ħarġu żewġ ċertifikati taħt l-**artikolu 53 tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012** (ara paġni 25A sa 37 tal-atti), li permezz tagħhom ġie mtenni li ż-żewġ sentenzi fuq imsemmija huma esegwibbli;

14. Fuq is-saħħa ta’ dawn iċ-ċertifikati, l-attur *nomine* talab li jinħareġ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 818/2021. Dan il-mandat inħareġ mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta’ Ġunju, 2021 u minħabba dan il-mandat, il-Bank of Valletta plc iddepożita s-somma ta’ €148,596.14 (ara paġna 37A tal-atti);

15. Fil-5 ta’ Awwissu, 2021 imbagħad infetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet dwar it-tliet eċċezzjonijiet preliminari ta’ Mr Green Limited***

16. Kif ingħad aktar kmieni, din is-sentenza hija limitata biss fuq l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta;

17. Fl-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tagħha l-kumpannija konvenuta tgħid li r-rikors maħluf għandu jitqies bħala null skont l-**artikoli 156** u **789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex l-attur *nomine* ma indikax l-artikolu tal-liġi li fuqu huwa serraħ din il-kawża u dan in-nuqqas żammha milli tiddefendi ruħha kif imiss;

18. Il-qorti ma taqbel xejn ma' din l-eċċezzjoni;

19. Ibda biex, il-liġi ma titlobx li rikors maħluf għandu jgħid jew isemmi fuq liema dispożizzjoni tal-liġi tkun saret azzjoni ġudizzjarja (ara fost oħrajn, ***U.C.I.M. Company Limited v. Nathan Martin*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2001 u ***John Fiteni v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006). Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Electronic Products Limited v. Emanuel Micallef et*** maqtugħa fil-25 ta' Ottubru, 2013,

> «*imkien fil-liġi ma hu impost xi obbligu fuq attur li fl-att promotorju tal-ġudizzju jindika l-artikolu tal-liġi li fuqha jkun qed jibbaża l-meritu tat-talba tiegħu. Il-liġi tesiġi biss tifsira ċara u sewwa tal-fatti li minnhom toriġina l-kawża u l-kawżali li jagħtu lok għall-istess talba li jiġġustifikawha*»;

20. Ġie miżmum ukoll, li qorti tista' b'riħet l-**artikolu 173 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** titlob lill-attur biex jindika l-bażi legali tal-azzjoni tiegħu u jekk hemm bżonn li anke jindika l-artikolu rilevanti tal-liġi li fuqu jkun sejjes il-kawża tiegħu (ara ***Mark Fenech Laudi v. Irina Fenech Laudi nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu, 2021);

21. Tassew dak li huwa meħtieġ bil-liġi skont l-**artikolu 156(1)(a)** u **(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa li l-premessi, it-talbiet u r-raġunijiet għaliex ikunu qegħdin isiru dawk it-talbiet fir-rikors maħluf, ikunu ġew imfissra b'mod ċar u tajjeb biżżejjed sabiex il-konvenut ikun jista' jifhem għaliex huwa ġie mħarrek fil-kawża, biex b'hekk huwa jitpoġġa f'qagħda li jkun jista' jwieġeb għaliha;

22. Fil-każ tagħna, huwa minnu li fir-rikors maħluf oriġinali ma ssemmix artikolu speċifiku tal-liġi. Madankollu fil-fehma tal-qorti jirriżulta ċar ħafna minn qari tar-rikors maħluf, x'inhu l-oġġett tal-kawża. Kemm hu hekk, fl-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf tiegħu, l-attur *nomine* jgħid ċar u tond li dan huwa «*rikors għar-rikonoxximent hawn Malta tal-hawn taħt premessi sentenzi Awstrijaki a tenur tar-Regolament (EU) 1215/2012*»;

23. F'kull każ, waqt il-kawża l-attur *nomine* identifika b'rikors imressaq fit-18 ta' Novembru, 2021, li l-azzjoni tiegħu tinsab imsejsa fuq l-**artikolu 36 *et sequitur* tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Numru 1215/2012** u b'digriet mogħti llum stess, din il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** awtorizzat li din ir-riferenza għall-**artikolu 36 *et sequitur*** tiddaħħal fit-talba miġjuba fir-rikors maħluf. Ifisser dan, li kull nuqqas li seta' kien hemm fir-rikors maħluf minħabba nuqqas ta' tismija ta' artikolu tal-liġi, illum ġie msewwi b'din il-korrezzjoni;

24. U la qegħdin nitkellmu dwar nullità tar-rikors maħluf, wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll hawnhekk li skont il-***proviso*** **tal-artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju ma tistax tingħata jekk in-nuqqas fl-att ġudizzjarju jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Richard Attard v. John Rizzo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 2021, is-sanzjoni estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat;

25. L-atti ġudizzjarji għalhekk għandhom kemm jista' jkun jiġu salvati u għandhom jiġu annullati biss jekk ikun hemm raġunijiet gravi ħafna (ara ***Alex Camilleri et nomine v. Silvio Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2005). Il-qorti jiġuha f'moħħha hawnhekk il-kliem tal-Imħallef Maurice Caruana Curran fis-

sentenza ***Lawrence Farrugia sive Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nomine*** **et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Jannar, 1970, fejn kiteb li:

> *«Il-liġi, konsistentement mal-ġustizzja u mas-serjetà u dinjità tagħha, għandha sservi ta' strument soċjali kostruttiv, li biha n-nies għandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u ħajja; mhux dewmien evitabbli u aridità li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilità u scetticismu* [sic] *fil-poplu kontra l-liġi.»*

26. Terġa' u tgħid, il-prinċipju regolatur li l-atti ġudizzjarji għandhom kemm jista' jkun jiġu salvati u mhux annullati ġie mħaddan ukoll fi proċeduri ta' rikonoxximent ta' sentenzi barranin. Hekk ingħad pereżempju mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Johann Stelingwerf v. Denise Caruana*** deċiża fit-30 ta' Jannar, 2020:

> *«Tajjeb li jkun determinat il-prinċipju li meta tingħata deċiżjoni mogħtija minn qorti, tribunal jew organu ġudizzjarju ieħor ta` Stat membru tal-UE, li parti jkollha interess li tenforza fi Stat membru ieħor, l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza m'għandhiex tkun respinta mill-iStat membru fejn tkun intalbet l-eżekuzzjoni fuq il-pretest ta' nullità sempliċement għax il-parti interessata tkun iċċitat Regolamenti tal-UE partikolari minflok oħrajn in sostenn tat-talba tagħha għall-eżekuzzjoni, aktar u aktar fil-każ odjern fejn irriżulta li r-Regolament 1215/2012 kien intiż bhala titjib (u hekk hu) fuq ir-Regolament 44/2001.»*

27. Lura għall-każ tagħna, din il-qorti tħoss li l-eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta ma ħaqqhiex tintlaqa', mhux biss għaliex il-liġi ma titlobx lill-attur *nomine* biex jispeċifika l-artikolu tal-liġi li fuqu huwa jkun bena l-kawża iżda anke għaliex aktar tard waqt il-mixi tal-kawża l-attur *nomine* indika fuq liema bażi legali huwa ressaq ir-rikors maħluf;

28. B'żieda ma' dan, il-qorti bla tlaqliq tgħid li mhuwiex minnu dak li l-kumpannija konvenuta tgħid f'din l-eċċezzjoni tagħha li l-mod ta' kif tfassal ir-rikors maħluf, ma ħallihiex tiddefendi ruħha sew. Din l-istqarrija tagħha tinsab meruta mir-risposta maħlufa tagħha stess għaliex fiha nsibu eċċezzjonijiet, fosthom is-sitt

eċċezzjoni, li juru biċ-ċar li hija fehmet eżatt x'irid jikseb l-attur *nomine* b'din il-kawża *viz*. l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenzi Awstrijaċi f'Malta;

29. Din l-eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta dwar in-nuqqas ta' tismija tal-liġi għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

30. Ngħaddu issa biex inqisu t-**tieni eċċezzjoni**;

31. Il-kumpannija konvenuta tgħid li din il-kawża għandha tittajjar 'il barra minħabba li skontha mhuwiex possibbli taħt ir-**Regolament (UE) 1215/2012** li jitressaq rikors għal dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u ta' infurzar ta' sentenzi. Biex issostni din il-pożizzjoni tagħha, il-kumpannija konvenuta ppreżentat kopja ta' sentenza fl-ismijiet ***Michael Kugler v. Mr Green Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Frar, 2022 (ara paġni 84 sa 101 tal-atti tal-kawża), fejn eċċezzjoni identika ġiet milqugħa;

32. Bħala daħla tajjeb li jingħad li r-**Regolament (UE) 1215/2012** ma jipprovdilna l-ebda tifsira, la tal-kelma '*rikonoxximent*' u lanqas tal-kelma '*eżekuzzjoni*'. Minkejja dan però, huwa ċar li l-istess Regolament jiddistingwi bejn dawn iż-żewġ kunċetti, tant li dawn jinsabu regolati f'artikoli differenti minn xulxin;

33. ***Trevor Hartley*** u ***Mosato Dogauchi***, f'paġna 51 tar-rapport spjegattiv tagħhom dwar il-***Convention of 30 June 2005 on Choice of Court Agreements*** jiktbu hekk dwar id-differenza bejn rikonoxximent u eżekuzzjoni:

> *«Recognition means that the court addressed gives effect to the determination of the legal rights and obligations made by the court of origin. For example, if the court of origin held that the plaintiff had, or did not have, a given right, the court addressed accepts that this is the case (If the court of origin rendered a declaratory judgment on the existence or non-existence of a particular legal relationship between the parties, the court addressed accepts that judgment as determining the issues before it). Enforcement means the application*

*of the legal procedures of the court addressed to ensure that the defendant obeys the judgment given by the court of origin. Thus, if the court of origin rules that the defendant must pay the plaintiff 1000 euros, the court addressed will ensure that the money is handed over to the plaintiff. Since this would be legally indefensible if the defendant did not owe 1000 euros to the plaintiff, a decision to enforce the judgment must logically be preceded or accompanied by the recognition of the judgment. In contrast, recognition need not be accompanied or followed by enforcement. For example, if the court of origin held that the defendant did not owe any money to the plaintiff, the court addressed may simply recognise this finding. Therefore, if the plaintiff sues the defendant again on the same claim before the court addressed, the recognition of the foreign judgment will be enough to dispose of the case.»*

34. Ir-rikonoxximent tas-sentenza għalhekk huwa l-għarfien ta’ dak li jkun ġie deċiż fis-sentenza. Fi kliem ieħor, ir-rikonoxximent ta’ sentenza barranija jimplika l-aċċettazzjoni li l-kontenut ta’ dik is-sentenza jkun jorbot lill-partijiet u li dik l-istess sentenza tkun għalqet it-tilwima li hemm bejniethom. Dan hu dak li fil-qasam legali huwa magħruf bħala r-*res judicata*. Mill-banda l-oħra, l-esekuzzjoni tas-sentenza jinvolvi l-proċess tal-implimentazzjoni, jiġifieri l-proċess li bih min joħroġ rebbieħ mis-sentenza jkun jista’ jiżgura li jiġi mħares u mwettaq dak li jkun ġie ordnat fis-sentenza. Eżempju ta’ esekuzzjoni tas-sentenza huwa l-ħruġ ta’ mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid, jekk il-midjun li jkun ġie ordnat b’sentenza li jħallas xi dejn, jibqa’ ma’ jħallasx u ma jobdix dik is-sentenza;

35. Tradott dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, dan ifisser li r-rikonoxximent tas-sentenzi jinvolvi l-aċċettazzjoni li l-kumpannija konvenuta Mr Green Limited hija tabilħaqq midjuna mal-attur Alfred Schwab skont kif deċiż mill-Qrati Awstrijaċi, filwaqt li l-esekuzzjoni tas-sentenzi jinvolvi l-ħruġ ta’ mandati eżekuttivi fuq is-saħħa ta’ dawn is-sentenzi barranin;

36. Issa l-kumpannija konvenuta tgħid sew fit-tieni eċċezzjoni tagħha u fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha li skont ir-**Regolament (UE) 1215/2012**, wieħed ma jistax

jitlob għad-dikjarazzjoni ta' infurzar ta' sentenza. L-**artikolu 39 tar-Regolament** jitkellem ċar ħafna meta jgħid:

> *«Sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà.»*

37. Rilevanti ħafna li dan l-**artikolu 39** ħa post l-**artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001**[2], li kien jipprovdi dwar proċedura ta' dikjarazzjoni għall-infurzar ta' sentenzi. Taħt ir-**Regolament 1215/2012** il-ġdid, din il-proċedura ta' dikjarazzjoni għall-infurzar ta' sentenzi ġiet imneħħija għaliex ix-xewqa tal-leġislatur Ewropew kienet li sentenzi barranin għandhom jiġu enforzati b'mod awtomatiku mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb dikjarazzjoni minn qabel;

38. Kif insibu mitkub fil-**premessa numru 26** tar-**Regolament (UE) 1215/2012**, l-abolizzjoni tad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà qabel l-eżekuzzjoni fl-Istat Membru indirizzat, hija ġustifikata sabiex jiġi mħares il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea u sabiex ikun hemm inqas ħela ta' ħin u ta' spejjeż;

39. L-awturi ***Andrew Dickson*** u ***Eva Lein***, f'paġna 407 tal-ktieb tagħhom ***The Brussels Regulation Recast***, jiktbu hekk dwar l-**artikolu 39**:

> *«Subject to the satisfaction of the conditions laid down in Arts 42 and 43, the judgment creditor can immediately proceed to enforce the judgment in the Member State where enforcement is to take place. Art 39 expresses the abolition of exequatur for judgments that come under the Regulation. The only requirement is that the judgment is enforceable in the Member State where the judgment has been rendered. Any formal procedure as a pre-condition to enforcement in the Member State addressed is therefore abolished under the Recast Regulation.»*

---

[2] Dan ir-**Regolament (UE) 44/2001** ġie mibdul bir-**Regolament (UE) 1215/2012**.

40. Minn dan kollu joħroġ li l-kumpannija konvenuta għandha raġun biex tbiegħ meta tgħid li l-attur *nomine* m'għandux għalfejn jitlob għad-dikjarazzjoni ta' infurzar quddiem din il-qorti skont ir-**Regolament (UE) 1215/2012**;

41. Dan però ma jwassalx biex il-qorti tarmi 'l barra din il-kawża, kif hekk tixtieqha illi tagħmel il-kumpannija konvenuta;

42. L-attur *nomine* għaraf li t-talba waħdanija fir-rikors maħluf oriġinali tiegħu ma kinitx tirrifletti eżattament dak li huwa kien qiegħed ifittex skont il-premessi tal-istess rikors maħluf tiegħu, *viz.* ir-rikonoxximent hawn Malta tas-sentenzi Awstrijaċi. Kien għalhekk li l-attur *nomine* kien għaqli biżżejjed li għaraf l-iżball tiegħu u talab għall-korrezzjoni biex fit-talba tar-rikors maħluf issir riferenza għall-**artikolu 36** tar-**Regolament (UE) 1215/2012**, li jitkellem sewwasew dwar ir-rikonoxximent tas-sentenzi. Din it-talba tiegħu għall-korrezzjoni ġiet milqugħa minn din il-qorti b'digriet mogħti llum;

43. It-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta għalhekk trid tiġi mistħarrġa issa fid-dawl tar-rikors maħluf, kif dan ġie korrett bid-digriet tal-lum. F'dan is-sens għalhekk is-sentenza ***Michael Kugler v. Mr Green Limited*** imsemmija mill-kumpannija kumpannija ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ, ladarba r-rikors maħluf oriġinali ġie korrett biex jinkludi talba għar-rikonoxximent tas-sentenzi Awstrijaċi taħt l-**artikolu 36** tar-**Regolament (UE) 1215/2012**;

44. Li rridu neżaminaw mela huwa jekk l-attur *nomine* setax skont ir-**Regolament (UE) 1215/2012** iressaq talba għar-rikonoxximent tas-sentenzi Awstrijaċi biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jiġu esegwiti f'Malta;

45. Jissokta jingħad li skont l-**artikolu 36(1)** tar-**Regolament (UE) 1215/2012**, sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali. Madankollu l-**artikolu 36(2) tar-**

**Regolament (UE) 1215/2012** jgħid li kwalunkwe parti interessata tista' titlob li jiġi ddikjarat permezz ta' deċiżjoni tal-qorti li m'hemm l-ebda raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-**artikolu 45**;

46. L-**artikolu 36(2)** huwa fejjiedi meta jkun hemm dubji dwar jekk sentenza barranija għandhiex tiġi rikonoxxuta jew le. F'dak il-każ, min huwa interessat jista' jressaq rikors quddiem il-qorti biex din tirrikonoxxi dik is-sentenza, ħalli b'hekk dak li jkun iserraħ rasu li dik is-sentenza barranija tkun tista' tiġi esegwita mingħajr xkiel. L-awturi ***Andrew Dickson*** u ***Eva Lein***, f'paġna 386 tal-ktieb tagħhom fuq imsemmi jgħidu li, «*declaratory proceedings will prove practically useful only where a dispute has crystallized as to the recognition of the judgment in question*»;

47. F'dan il-każ, il-qorti m'għandhiex l-iċken dubju li l-attur *nomine* bħala kreditur skont is-sentenzi Awstrijaċi jikkwalifika bħala persuna interessata skont l-**artikolu 36(2)** biex jitlob dikjarazzjoni minn din il-qorti li ma hemmx raġunijiet skont l-**artikolu 45** tar-**Regolament (UE) 1215/2012** biex is-sentenzi Awstrijaċi ma jiġux rikonoxxuti f'Malta. Lanqas jista' jingħad li l-attur *nomine* ressaq din il-kawża fil-vojt, meta wieħed iqis li l-kumpannija konvenuta fis-sitt eċċezzjoni tagħha qiegħda tgħid li s-sentenzi Awstrijaċi m'għandhomx jiġu rikonoxxuti f'Malta minħabba li skontha dawn imorru kontra l-ordni pubbliku ta' Malta;

48. Naturalment il-kwistjoni ta' jekk is-sentenzi Awstrijaċi għandhomx jingħataw għarfien jew le ġewwa Malta hija xi ħaġa li mhijiex ħa tiġi deċiża f'din is-sentenza. Li qed jiġi deċiż f'din is-sentenza huwa biss li l-attur *nomine* għandu jedd iressaq kawża quddiem din il-qorti skont l-**artikolu 36(2)** tar-**Regolament (UE) 1215/2012** sabiex jitlob li m'hemm l-ebda raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent tas-sentenzi Awsitrijaċi (ara f'dan is-sens is-sentenzi ***L-Avukat Dr Norval Desira nomine v. Oil & Ship Consultancy Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Lulju, 2019, ***L-Avukat Dr Tonio Grech nomine v. Dr Yanika Buġeja et***

***nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2019 u ***L-Avukat Dr Tonio Grech nomine v. Dr Dustin Camilleri et nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Diċembru, 2019);

49. Għaldaqstant għalkemm il-qorti tagħraf li din it-tieni eċċezzjoni ġiet imqajma minħabba li l-attur *nomine* ma kienx preċiż fil-mod ta' kif kiteb it-talba fir-rikors maħluf oriġinali tiegħu, madankollu dan ma jwassalx għan-nullità tal-azzjoni, speċjalment issa wara l-korrezzjoni li ġiet awtorizzata llum. It-tieni eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta għalhekk qiegħda tiġi miċħuda wkoll;

50. Jifdal biss it-**<u>tielet eċċezzjoni</u>**, fejn il-kumpannija konvenuta qiegħda tgħid li l-attur *nomine* ma jistax jitlob għall-eżegwibbilità tas-sentenzi Awstrijaċi, mingħajr ma jitlob qabel għar-rikonoxximent tagħhom;

51. Anke hawnhekk il-kumpannija konvenuta għandha raġun, għaliex filwaqt li sentenza tista' tiġi rikonoxxuta mingħajr ma hemm bżonn li din tiġi eżegwita, min-naħa l-oħra però sentenza ma tistax tiġi eżegwita jekk qabel din ma tkunx ġiet rikonoxxuta. Kif jgħid tajjeb ***Trevor Hartley***, f'paġna 291 tal-ktieb tiegħu, ***Civil Jurisdiction And Judgments in Europe: The Brussels I Regulation, the Lugano Convention, and the Hague Choice of Court Convention***, «*Strictly speaking, recognition should always precede enforcement»;*

52. Iżda għalkemm l-osservazzjoni magħmula mill-kumpannija konvenuta f'din it-tielet eċezzjoni hija waħda korretta, madankollu din il-qorti xorta waħda ma tistax tilqagħha. Dan hu hekk għaliex għalkemm din l-eċċezzjoni preliminari kienet waħda fejjieda jekk wieħed iqis ir-rikors maħluf fil-verżjoni oriġinali tiegħu; din l-istess eċċezzjoni preliminari tilfet is-saħħa tagħha wara li din il-qorti fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u biex ma jkunx hemm ripetizzjonijiet u spejjeż żejda ta' kawżi, laqgħet it-talba tal-attur *nomine* biex fit-talba finali tar-rikors maħluf tiegħu tiddaħħal ir-riferenza għar-rikonoxximent tas-sentenzi Awstrijaċi;

53. Fil-kuntest tar-rikors maħluf kif korrett, din it-tielet eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' u għalhekk din qiegħda tiġi miċħuda wkoll;

54. Il-qorti ttemm billi tgħid li l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta deċiżi f'din is-sentenza ġew ipprovokati kollha kemm huma minħabba nuqqas ta' tħejjija tajba tar-rikors maħluf min-naħa tal-attur *nomine*. Li kieku l-attur *nomine* ħejja r-rikors maħluf tajjeb mill-ewwel, dawn l-eċċezzjonijiet x'aktarx ma kinux jitqajmu. Jixraq għalhekk li ladarba l-attur *nomine* jaħti għan-nuqqasijiet tiegħu, l-ispejjeż kollha marbuta ma' din is-sentenza parzjali għandu jbatihom l-attur *nomine* waħdu;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta dwar in-nullità, l-irritwalità u l-inammissibilità tal-azzjoni mnedija mill-attur *nomine* u tordna għalhekk li l-kawża għandha titkompla;

L-ispejjeż marbuta ma' din is-sentenza għandhom jitħallsu kollha mill-attur *nomine*.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**